MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2007

Rikors Numru. 72/2006

**CARMEL SIVE CHARLES GRECH**

**vs**

**PHILIP DEGIORGIO**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta` Philip Degiorgio fejn ippremetta illi:

Fl-20 ta` Jannar, 2006 huwa gie notifikat b`ittra ufficjaliipprezentata minn Carmel sive Charles Grech fit-28 ta` Dicembru, 2005 li permezz taghha l-imsemmi Grech interpellah sabiex fi zmien jumejn ihallsu s-somma ta` sittax-il elf lira Maltin (Lm 16,000) import ta` kambjala allegatament iffirmata u accettata mir-rikorrenti u dana oltre l-imghaxijiet legali mid-data ta` l-iskadenza – liema imghaxijiet sat-28 ta` Dicembru, 2005 allegatament

ammontaw ghal sitt elef mija u tmienja u sittin lira Maltin (Lm 6,168).

Ir-rikorrenti jirrespingi l-preteNsjoni ta` Carmel sive Charles Grech illi huwa kien iffirma kambjala datata it-30 ta` Jannar, 2001 fl-ammont ta` sittax-il elf lira Maltin (Lm 16,000) kif allegat ghaliex:

1. Ghal habta ta` Gunju, 1997 huwa kien iffirma kambjala mal-istess Grech fl-ammont ta` sebat elef lira Maltija (Lm 7,000) li kien gie misluf lilu;

2. Xi zmien wara Grech qalLHu illi kien tilef il-kambjala in kwistjoni u kien ipprezentalu kambjala ohra 'in bJank' sabiex jiffirmaha (il-mittenti) u b`hekk tigi sostitwita ghal kambjala l-mitlufa;

3. Jidher illi minflok dina l-kambjala intliet bil-mod li jirrizulta mill-kambjala annessa mal-ittra ufficjali imsemmija;

4. L-ammont ta` sebat elef lira Maltija fuq imsemmija thallas lura lill-imsemmi Grech permezz ta` sbatax il-cekk u dana kif jirrizulta mill-anness dokument A 1-17;

5. Oltre l-imsemmi ammont ta` sebat elef lira Maltija (Lm 7,000), ir-rikorrenti hallas ukoll lil Grech l-ammont ta` tmenin lira Maltin (Lm80) li jirrizulta ukoll mill-imsemmi dokument A kif ukoll tmintax-il elf lira Maltija (Lm 18,000) li thallsu "in cash" permezz ta` pagamenti mensili ta` hames mitt lira Maltin (Lm 500) il-wiehed matul perjodu ta` tlett snin liema pagamenti addizzjonali kienu gew reklamati mill-imsemmi Grech bhala "imghaxijiet" u ghar-rifuzjoni ta` liema pagamenti ir-rikorrenti qieghed prezenzjalment jirriserva d-drittijiet kollha tieghu kontra Grech u dana oltre d-drittijiet kollha tieghu ukoll f`dan ir-rigward minhabba l-uzurja.

Ghalhekk in forza tal-artikolu 253 tal-Kap. Tnax (12) tal-Ligijiet ta` Malta ir-rikorrenti qieghed jopponi bl-akbar qawwa u ghal kull fini u effett tal-ligi l-esekuzzjoni tentata minn Carmel sive Charles Grech tal-kambjala fuq

imsemmija u b`hekk il-kambjala ta` sittax-il elf lira Maltija (Lm 16,000) allegatament iffirmata minnu fit-30 ta` Jannar, 2001 ma tistax tigi reza esegwibbli kontra tieghu ai termini ta` l-artikolu 256 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ghaldaqstant, in forza tal-premess, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha tissospendi l-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjala dokument CG annessa mall-ittra ufficjali tat-28 ta` Dicembru, 2005 fl-ismijiet fuq premessi u dana b`mod assolut u inkondizzjonatament.

Rat ir-risposta ta` Carmel sive Charles Grech illi:

1. Mhux minnu li l-intimat ma ffirmax il-kambjala in kwistjoni.

2. L-allegazzjonijiet ta` Philip Degiorgio huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, oltre illi huma inveritjeri u mmirati biss biex jipprova jahrab mill-obbligu minnu kkuntrattat, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Id-debitu ta` sebat elef lira Maltin (Lm 7,000) inkors u mhallas ghas-saldu minn Philip Degiorgio, in konnessjoni ma` kambjala ffirmata fis-sena 1997 huwa wiehed ghal kollox differenti u ndipendenti minn dak odjern. Il-kambjala tal-1997 kien thallas ghas-saldu permezz ta` sbatax-il pagament, bl-ahhar wiehed fit-30 ta` Settembru, 1997.

4. Il-kambjala datata 30 ta` Jannar, 2001, mahruga u ffirmata fis-somma ta` sittax-il elf lira maltin (Lm 16,000) kienet tikkoncerna debitu separat u distint minn ta` qablu.

5. Ir-rikorrent qatt ma talab imghaxijiet minghand l-intimat, kontrarjament ghal dak allegat minn Philip Degiorgio.

6. Philip Degiorgio, f`diversi okkazzjonijiet ammetta li l-ammont reklamat mir-rikorrent huwa dovut u dejjem kien iwieghed li l-imsemmi debitu kien ser jigi mhallas, izda li pero` kellu bzonn aktar zmien biex ihallas.

7. Fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna ghandha esistenza ghal kollox indipendenti minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet ippreceditha jew obbligazzjoni li setghet iggenerat. L-obbligazzjonijiet emergenti huma dawk li johorgu mis-semplici firem tal-persuni li jidhru fuq il-kambjala, u dan huwa ampjament ikkonfortat mill-gurisprudenza nostrana.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet imsemmija, l-intimat Philip Degiorgio ghandu jigi kkundannat li jhallas is-somma ta` sittax-il elf lira Maltin (Lm 16,000) bl-imghaxijiet legali kif mitluba fl-ittra ufficcjali datata 28 ta` Jannar, 2005, kif debitament notifikata, bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Ezaminat bir-reqqa it-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi:

Din il-procedura qieghda ssir a bazi tal-Art. 253 (e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta li jipprovdi illi:

*"Huma titolu esekuttivi*

*… omissis …*

*(e) kambjali u promissory notes mahruga skond il-Kodici tal-Kummerc.*

*B`dan izda illi l-Qorti kompetenti skond il-valur tal-kambjala jew promissory note tista`, b`digriet li ma jkunx applikabbli, tissospendi l-ezekuzzjoni ta` dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f`parti minnha u sew suggett ghal garanzija kif ukoll minghajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-ezekuzzjoni ta` dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li ghandu jsir fi zmien ghoxrin jum min-notifika ta` l-ittra ufficjali li tintbaghat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minhabba illi l-firma fuq dik il-*

*kambjala, jew promissory note ma tkunx taghha jew tal-mandatarju taghha jew fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi biex topponi dik l-ezekuzzjoni u f`dak il-kaz biex persuna tesigi l-hlas ta` dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipprocedi b`kawza skond id-disposizzjoni tal-Kodici tal-Kummerc".*

Minn dan jidher li l-Qorti f`kaz bhal dan ghandha tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala f`wiehed minn dawn il-kazijiet;

1. Jekk il-firma fuq il-kambjala mhux tal-persuna.

2. Jekk jezistu ragunijiet gravi u validi.

Fir-rikors in ezami, ma hu qed jigi allegat xejn rigward il-firma fuq il-kambjala, u ghalhekk il-Qorti tista` tissospendi jekk jezistu ragunijiet gravi u validi.

Ic-cirkostanzi ta` din il-vertenza huma serji hafna. Ir-rikorrent Degiorgio kien jissellef ammonti konsiderevoli ta` flus u jiffIrma kambjali biex jaggarantixxi l-hlas lura ta` dawn il-flus. Dan m`huwiex kontestat. Li hu kontestat huma c-cirkostanzi li fihom giet iffirmata din il-kambjala partikolari. Dwar dan jezistu divergenzi kbar dwar kif, meta u fejn giet iffirmata l-kambjala. Ir-rikorrenti Degiorgio jghid li giet ffirmata IN bjank u bil-ghaggla. L-intimat Grech ma jaqbilx. Lanqas ma jaqblu l-partijiet dwar x`kienet effettivament tirraprezenta s-somma ta` sittax-il elf lira. Cirkostanza ohra li tqajjem thassib hija n-nuqqas tal-firma ta` mart ir-rikorrent Degiorgio fuq l-istess kambjala. Fix-xhieda taghha din tghid li dejjem iffirmat il-kambjali flimkien ma` zewgha. Kienet din l-unika kambjala mhux iffirmata minnha.

Dawn id-dubbji kollha, flimkien mal-allegazzjonijiet ferm serji ta` uzura, liema allegazzjonijiet il-Qorti m`hijiex tal-fehma li jistghu jigu kkunsidrati fi proceduri bhal dawk odjerni, iwasslu lill-Qorti ghall-konkluzzjoni li jezistu f`dan il-kaz cirkostanzi gravi bizzejjed biex jimmeritaw studju ulterjuri fi proceduri *ad hoc* skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba tar-rikorrenti Philip Degiorgio fir-rikors tieghu tat-30 ta` Jannar, 2006 u tordna s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjala msemmija fl-ittra ufficjali 5207/05 tat-28 ta` Dicembru, 2005.

In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------